# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 07/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 07/08/'08** **236**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 07/08/'08** **289**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 7 t' Awwissu 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Norman Vella.

1.05 Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-1 t'Awwissu 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter.
4. Rapport Finanzjarju sat-30/06/08.

5. Rapport Annwali Amministrattiv.
6. Offerti – Mini Van.
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 06/K6/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 06/K6/08.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi Items 3, 4 u 5 qabel Item 2.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Management Letter**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Management Letter u l-azzjoni li ser tittieħed fuqha permezz ta' itrra Rif. K635/62/08(Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro wasal fis-2.10p.m.

3.03 L-Accountant, is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni fid-dettal .

3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-risposta għall-Management Letter.

3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Rapport Finanzjarju sat-30/06/08**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30/06/08 (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport u ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex ikun aktar kawt fid-deċiżjonijiet li jittieħdu minħabba li hemm ċerti voti li diġa ntefaq aktar milli kien ibbaġitjat. Huwa żied jgħid li jekk in-nefqa globali ma tiġiex ikkontrollata l-Kunsill jista jiġi f'sitwazzjoni li jkollu riperkussjonijiet negattivi fl-aħħar tas-sena finanzjarja.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30/06/08.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Rapport Annwali Amministrattiv**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Amministrattiv għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tat spjegazzjoni rigward dan ir-rapport, u wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv.

5.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Louis Padovani u lis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker għall-ħidma tagħhom.

5.06 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fit-2.55p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2592 Ittra mingħand Leslie Agius rigward inverżjoni tad-direzzjoni tat-traffiku.

2604 Ittra mingħand MTAC rigward Bye-Laws ta' Xatt is-Sajjieda.

2605 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward id-devoluzzjoni tal-Kuridur Ekoloġiku.

2607 Ittra mingħand l-ELC rigward is-siġar ta' mad-dawra tal-promenade.

2622&2857 Ittri rigward *residential parking* fi Triq ir-Rampa.

2658 Ittra mingħand l-ITS rigward is-Sage Pastel Partner Support Agreement.

2717&3090 Ittri mingħand il-Contracts Manager rigward ir-rampa li saret fi Triq Angelo Pullicino.

2725 Ittra mingħand il-MEPA rigward servizz elettroniku ta' applikazzjonijiet.

2727/2823 K636&2930 Ittri mingħand Time International rigward Croc Shoe Model fiċ-Centre Strip ta' Triq Santu Wistin.

2837 Ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward din l-attivita' tradizzjonali.

2945 Ittra mingħand is-Sur Jesmond Vella rigward l-iskips li hemm fi Triq Dun Anton Tabone.

2960 Ittra mingħand Schranz Ltd rigward il-manutenzjoni ta' Ġnien Dun Anton Sciberras.

2973&3022 Dokumenti mingħand il-MEPA rigward *Invalid Development Permission Application Building Levy Underpaid – to erect a boundary wall – change of use to car park.*

3048 Ittra mingħand il-Pulizija sabiex issir laqgħa fix-xahar t'Awissu.

3084 Ittra mingħand l-MTA sabiex il-Pjazza ta' Paceville ssir Pedestrian area.

3086 LCD Memo 19/2008 rigward għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta' l-E.U. mill-MEUSAC.

3095 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-publikazzjoni ta' Bye-Laws dwar:- (a) Xatt is-Sajjieda u (b) Xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u l-konsum ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 2592

2.02 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Leslie Agius rigward l-inverżjoni tad-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Manwel Dimech, Triq il-Karmelitani u Triq Alfons Maria Galea, ġie deċiż unanimament illi:-

- tintbagħat ittra lill-Awtorita' Dwar it-Trasport fejn jiġi rrakomandat li tinbidel is-sistema tat-traffiku, skond is-suġġeriment tas-Sur Agius.
- ssir talba lill-Awtorita' Dwar it-Trasport biex issir laqgħa magħhom 'on site' biex tiġi diskussa din il-possibilita'.
- Jiġi nfurmat il-Kunsill Lokali Sliema li l-Kunsill Lokali San Ġiljan ser jirrakkomanda s-suġġeriment tas-Sur Leslie Agius lill-Awtorita' Dwar it-Trasport.

2.03 B'riferenza għall-area ta' ħdejn Le Meridien St. Julian's u għall-area tal-junction bejn it-Telgħa tal-Kirxa u Triq Manwel Dimech ġie deċiż li jiġi rrakkomandat lill-Awtorita' Dwar it-Trasport li jsir xi tip ta' *traffic management* minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li jkun hemm.

Rif. Nru. 2607

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand l-ELC rigward is-siġar ta' mad-dawra tal-promenade, il-Kunsill ġie nfurmat li kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lis-Sur Peter Calleja tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Dan peress li l-Kunsill m'għandux il-fondi meħtieġa biex jinbidlu s-siġar skond l-istima li ntbagħtet.

Rif. Nru. 2622&2857

2.06 B'riferenza għall-ittri rigward *residential parking* fi Triq ir-Rampa ġie deċiż unanimament illi jibdew il-proċeduri biex din it-triq tiġi nkluża f'din l-iskema.

Rif. Nru. 2658

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Information Technology Services Ltd ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jaċċetta is-servizz tagħhom bir-rati l-ġodda.

Rif. Nru. 2717&3090

2.08 Saret riferenza għall-ittri mingħand il-Contracts Manager rigward ir-rampa li saret fi Triq Angelo Pullicino. Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li din ir-rampa saret għal użu ta' *shopping carriers* u mhux għal użu tal-pushchairs / wheelchairs. Wara diskussjoini qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jiltaqa' mal-Contracts Manager dwar din il-materja u li l-Kunsilliera kollha jiġu nfurmati meta ssir din il-laqgħa biex min irrid jattendi.

Rif. Nru. 2727

2.09 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Ryan Calleja, mit-Time International, sabiex titpoġġa Croc Shoe Model fiċ-Centre Strip ta' Triq Santu Wistin ġie deċiż unanimament illi:-

- Is-Sindku Peter Bonello jagħmel laqgħa 'on site' mas-Sur Ryan Calleja;

- Jiġu applikati l-Bye Laws ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan).

Rif. Nru. 2837

2.10 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward l-attivita' tradizzjonali ġie deċiż unanimament illi din l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u li jingħataw l-ammont ta' €116.50 biex ikopru parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 2945

2.11 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Jesmond Vella rigward l-iskips li hemm fi Triq il-Qalb Mqaddsa, ġie deċiż unanimament illi jerġgħu jitpoġġew taħt il-palma fejn kienu oriġinarjament.

Rif. Nru. 2960

2.12 B'riferenza għall-ittra mingħand Schranz Ltd rigward il-manutenzjoni ta' Ġnien Dun Anton Sciberras ġie deċiż unanimament li tiġi aċċetta l-kwotazzjoni li ntbagħtet.

Rif. Nru. 3048

2.13 B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ġie deċiż unanimament li ma ssirx laqgħa f'Awissu.

Rif. Nru. 3084

2.14 Saret riferenza għall-*e*mail mingħand l-Malta Tourism Authority fejn il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Pjazza ta' Paceville ssir 'Pedestrian Zone' għall-perjodu qasir fuq 'trial basis'.

Rif. Nru. 3086

2.15 B'riferenza għall-LCD Memo 19/2008 rigward għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar Programmi ta' l-E.U. mill-MEUSAC ġie deċiż unanimament illi s-Sur Osvalido Zammit jiġi nfurmat biex jattendi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

## 6. Offerti - Mini Van

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tas-schedule tat-tender (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li:-

- Intefgħet tender waħda (1) biss;
- Ma kienx hemm bid bond mat-tender.

6.03 Filwaqt li l-Kunsilliera Irene Borg ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir xi tip ta' tarġa fuq il-mini van biex l-anzjani jkunu jistgħu jitilgħu aktar faċilment, ipproponiet li jiġi magħżul it-tender ta' l-A.L.M.

6.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondaha.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2496 sa 2498 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Ġie deċiż unanimament illi tiġi rranġata:-

- Il-bankina ta' Triq il-Klarissi (il-biċċa ż-żgħira ħdejn il-Joem Petrol Station)
- Il-bankina fi Triq William Hardman, quddiem Blokk I door A.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

8.04 Il-Kunsillier Irene Borg issekondatu.

8.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**9 Materji Oħra**

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-offerti għat-Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras jagħlqu nhar it-Tnejn 11 t' Awissu 2008 fl-10.30 a.m.

9.02 Saret riferenza għal-laqgħa li saret il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2008 fil-Kunsill ta' l-Imġarr rigward il-proċedura ġdida dwar ġemellaġġi (LCD Memo 13/2008). F'din il-laqgħa ġie spjegat li meta Kunsill jiddeċiedi li jrid jagħmel ġemellaġġ dan għandu jimxi mal-proċeduri u jissommetti d-dokumenti kollha mitluba biex tkun tista' tiġi kkunsidrata t-talba tal-Kunsill.

9.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi fil-laqgħa li ser issir mar-rappreżentant tal-MUESEC tiġi diskussa x-xewqa tal-Kunsill u l-possibilita' li jsir ġemellaġġ maċ-Ċina. Din il-materja għandha tittella Item fuq l-Aġenda li jmiss.

9.04 Il-Kunsill ġie nfurmat illi saret laqgħa mad-Direttur il-ġdid tal-Cleansing Services Department fejn fost affarijiet oħra ġiet diskussa l-possibilita' li jiżdiedu l-kenniesa fil-lokalita'.

9.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro talab li jingħata t-timetable tal-kenniesa għall-area ta' The Gardens.

9.06 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li ġie avviċinat mir-rappreżentant tal-Lukanda Le Meridian minħabba li fi Triq il-Kbira, in-naħa tal-lukanda qed ikun hemm konġestjioni tat-traffiku minħabba li l-coaches qed isibuha diffiċli biex iduru. Għalhekk iċ-Chairman issuġġerixxa li l-latrina li hemm fil-Pjazza Balluta tiddaħħal aktar il-ġewwa jew isiru mobile toilets biex il-bankina wkoll tidħol il-ġewwa b'hekk tiġi solvuta l-problema.

9.07 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi f'dan l-istadju tiġi avviċinata il-persuna responsabbli għal-Lukanda Le Meridian fejn jiġi mitlub jekk jaċċettax li jsiru dawn ix-xogħolijiet għas-spejjeż tagħhom. F'każ li l-Kunsill ikollu risposta posittiva, ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jiġi nfurmat biex jagħmel il-pjanti meħtieġa.

9.08 Il-Kunsillier Richard Scicluna ġie skużat fl-4.05p.m.

9.09 Ġie deċiż unanimament illi l-laqgħa li jmiss issir fl-aħħar ta' Settembru 2008.

9.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-4.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |